MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1263/2005

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**Vs**

**Joseph Pisani**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti *excess* skond il-kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assigurazzjoni mahruga fuq ordni ta' l-istess konvenut u li tkopri l-vettura BAT 079, proprjeta' tal-konvenut, wara li din kienet involuta f'incident awtomobilistiku nhar it-8 ta' Dicembru, 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------